MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2013

Numru. 151/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeanne Farrugia)**

**Vs**

**Sissoko Adama ta' 32 sena, iben Sissoko u Fatima, mwieled il-Mali fit-8 ta' Novembru 1980, residenti Marsa Open Center, detentur tal-karta tal-identita numru 56405A u numru mghoti mill-Pulizija 08UU-004.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f'Mejju tas-sena 2012 u fix-xhur ta' qabel, bhala persuna illi imbarka jew zbarka, minn jew go Malta naqas illi jkollu passaport u naqas illi jaghti lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirrizulta illi l-imputat telaq minn Malta illegalment fuq dghajsa lejn l-Italja fejn hemmhekk huwa qabad it-train li haditu lejn Franza. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni kif ukoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u mix-xhieda tieghu. Illi l-Qorti tifhem illi l-imputat ghamel dan biex jinghaqad mal-familja tieghu gewwa Franza u u tawgura illi l-awtoritajiet ma jdumux ma jipprocessaw il-kaz tieghu biex huwa jkun jista’ jaqta’ x-xewqa tieghu.  Madankollu l-akkuza tirrizulta ampjament ippruvata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 28 u 32(1)(g) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta  issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------